L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Ċelebrazzjoni f'għeluq l-erbgħin sena mix-xandir tas-sejba tal-*Kantilena***

Erbgħin sena ilu żewġ riċerkaturi li kienu għadhom mhux magħrufa ħabbru li kienu sabu poeżija miktuba bil-Malti medjevali. Patri Mikiel Fsadni u Godfrey Wettinger, li aktar tard inħatar professur tal-Istorja, kienu riċerkaturi kollegi. Patri Fsadni dak iż-żmien kien qed ifittex fuq l-istorja tad-Dumnikani f'Malta filwaqt li Prof. Wettinger kien qed jirriċerka fuq l-ilsiera. It-tnejn li huma kienu wrew ix-xewqa li jsibu xi ħaġa bl-ilsien Malti... u qatt ma basru li kienet se tmisshom ix-xorti mistħoqqa li jsibu l-Kantilena ta' Pietru Caxaru.

Din il-poeżija, li fis-sew hija għanja, kienet minsuġa għall-ħabta tal-1450 u waslitilna kopja tagħha bis-saħħa ta' Brandanu Caxaru f'dokument tal-1530.

Dan it-tagħrif u bosta tagħrif ieħor wassluhulna Wettinger u Fsadni fi ktieb li huma ħarġu fl-1968. Bir-riċerka tagħhom huma fetħu l-istudju fuq il-Malti bikri u bis-sehem tagħhom l-istorja ta' lsienna stagħniet tgħidx kemm.

L-Akkademja tal-Malti, bħal kull min jgħożż ilsienna, tagħraf is-sehem ta' Patri Mikiel u tal-Prof. Wettinger u għalhekk se torganizza lejla ta' ċelebrazzjoni f'ġieħhom f'għeluq l-erbgħin sena mis-sejba tal-Kantilena. Il-pubbliku qed jiġi mistieden biex nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Novembru 2008, jiġi fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat, biex igawdi programm imżewwaq li jinkludi l-qari tal-poeżija bil-Malti medjevali, id-daqq ta' melodiji medjevali u taħdita fuq il-Kantilena. Il-programm se jibda fis-7.30pm.

Il-Kantilena se jaqraha Dr Martin Zammit, lettur tal-Għarbi fl-Università ta' Malta. Dr Zammit se jaqra l-Kantilena kif qatt ma nqrat qabel, jiġifieri se jaqraha skont ir-regoli fonoloġiċi li kienu mħaddma fil-Malti medjevali. Hija okkażjoni tad-deheb għal min iħobb il-letteratura, speċjalment l-irreċtar tal-poeżiji fil-pubbliku.

Il-mużika medjevali se tkun f'idejn il-Ġukulari Ensemble li għall-okkażjoni se jdoqqu melodiji marbutin ma' żmien il-Kantilena. Il-Ġukulari rabtu isimhom ma' preżentazzjonijiet mużikali li jirrispettaw l-awtentiċità storika.

Huwa pjaċir tal-Akkademja tħabbar li t-taħdita se jagħmilha Semitista ta' fama dinjija, il-Prof. Alexander Borg. Il-Prof. Borg jgħallem l-Università tan-Negev, Iżrael, u għall-ewwel darba se jippreżenta studju tiegħu fuq il-Kantilena. Fi kliem il-Prof. Borg, il-Kantilena toffri tagħrif lingwistiku ġdid allavolja dehru għadd ta' studji interessanti mill-1968 'il hawn. Mela t-taħdita tiegħu se tinteressa wkoll lil min iħobb il-Malti u jħobb jisma' fuq il-qdumija tiegħu.

Il-lejla tal-Kantilena f'għeluq l-40 sena mis-sejba tagħha hija patroċinata mill-President ta' Malta. Tagħrif ieħor fuq il-Kantilena jinsab mis-sit tal-Akkademja tal-Malti www.akkademjatalmalti.com

---

*25 ta' Ottubru 2008*

*Sergio Grech*
*Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*